MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2006

Rikors Numru. 30/1999/1

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet

vs

Anna Bernardina Felice, Josephine Frendo, Mary Spiteri Paris, Robert Felice

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Agent Kummissarju ta' l-Artijietipprezentat fil-15 ta' Gunju, 1999 fejn espona:

1. Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 2 ta' Marzu, 1999, fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera bictejn art f'Marsaxlokk wahda tal-kejl ta' cirka 2950 metri kwadri, li tmiss mill-lvant ma' proprjeta' ta' Mary Manduca, mill-punent ma' proprjeta' ta' Borg Grech Estates Ltd; u mit-Tramuntana

ma' proprjeta' ta' Alfred Baldacchino, u fiha struttura rurali huwa ta' elfejn u mija u disghin lira Maltija (Lm2,190) u l-ohra tal-kejl ta' cirka 1667 metri kwadri, li tmiss mil-Lvant ma' proprjeta' ta' Anna Felice u ohrajn, u mit-Tramuntana ma' proprjeta' ta' Alfred Baldacchino u mill-Punet ma' prorpjeta' ta' Borg Grech Estates Ltd., u fiha struttura rurali huwa ta' elf u mitejn lira Maltija (Lm1,200) kif jidher mir-rapport tal-Perit Fred H Valentino A&CE tal-5 ta' Frar, 1999 li kopja tieghu 'Dok A' hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

2. Illi b'ittra ufficjali tat-22 ta' Marzu, 1999, l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' mitejn elf lira Maltin (Lm200,000) in kwantu ghal erbghin elf lira Maltija (Lm40,000) it-tomna.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex tittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bictejn art fuq imsemmija, jiffissa l-kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun qed jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra li l-intimati pprezentaw ir-risposta taghhom fit-22 ta' Marzu, 1999 fejn esponew:

Illi huma gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim mill-Agent Kummissarju ta' l-Artijiet fejn infurmahhom li l-awtorita' kompetenti hija lesta li thallas elfejn mija u disghin lira Maltija (Lm2,190) u elf mitejn lira Maltija (Lm1,200) ghal bictejn art f'Marsaxlokk kif ahjar deskritt fl-imsemmi avviz;

Il-mittenti jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert lilhom peress li l-prezz offrut mhuwiex gust u reali stante li huwa ammont zghir wisq a paragun tal-valur tal-proprjeta'

f'dawk l-inhawi kif jirrizulta wkoll mill-kumpens li nghata lil terzi mill-awtorita' kompetenti ghal proprjeta' fl-istess inhawi.

Il-mittenti ghalhekk qed jitolbu kumpens li jirrifletti l-valur reali u gust tal-proprjeta' u ghalhekk qed jindika l-ammont ta' mitejn elf lira maltin (Lm200,000) in kwantu ghal erbghin elf lira Maltija (Lm40,000) it-tomna.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal tas-6 ta' Marzu, 2006.

Ra d-digriet tieghu tas-17 ta' Marzu, 2000 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Mizzi u l-AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni tal-periti msemmija.

Ra li skond il-periti mahtura mill-Bord il-kumpens ghall-ewwel bicca art hu ta' Lm7880 u ghat-tieni Lm4450. Ir-relazzjoni taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

Jilqa' t-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimati jittrasferulu favur tieghu b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera bictejn art f'Marsaxlokk wahda tal-kejl ta' cirka 2950 metri kwadri, li tmiss mill-lvant ma' proprjeta' ta' Mary Manduca, mill-punent ma' proprjeta' ta' Borg Grech Estates Ltd; u mit-Tramuntana ma' proprjeta' ta' Alfred Baldacchino, u fiha struttura rurali u art ohra tal-kejl ta' cirka 1667 metri kwadri, li tmiss mil-Lvant ma' proprjeta' ta' Anna Felice u ohrajn, u mit-Tramuntana ma' proprjeta' ta' Alfred Baldacchino u mill-Punent ma' proprjeta' ta' Borg Grech Estates Ltd u fiha struttura rurali bil-kumpens ta' Lm7880 ghall-ewwel bicca u b'dak ta' Lm4450 ghat-tieni bicca;

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala n-Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att fis-17 ta' Mejju, 2006 fid-9:30a.m.. fl-ufficcju tar-rikorrent; jahtar lill-avukat Dottor

Stephen Muscat biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci; li ghandu jkun mgharraf mir-rikorrent b'din il-hatra;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------